

21997D1023(04)

L 290/28

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

23.10.1997

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 42/97

ta' l-10 Lulju 1997

**li temenda l-Protokoll 47 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar l-abolizzjoni tal-barrieri tekniċi fil-kummerċ ta'l-inbid**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat mill-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ il-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu.

Billi l-Protokoll 47 tal-Ftehim ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-Żee Nru 4/96 tad-29 ta' Frar 1996 <sup>(1)</sup>;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/96 tat-18 ta' Jannar 1996 li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2676/90 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta'l-inbid <sup>(2)</sup> għandu jiġi inkorporat f'dan il-Ftehim;

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jidded mal-punt 25 (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2676/90) fl-Appendiċi tal-Protokoll 47 tal-Ftehim::

“– **396 R 0069:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/96 tat-18 ta' Jannar 1996 (ĠU L tad-19.1.1996, p. 13).”.

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/95 fl-ilsien Islandiż u Norveġiż, li huma annessi mal-verżjonijiet lingwistiċi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awissu 1997, basta n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) ta' dan il-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-taqsimha taż-ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u fis-Suppliment taż-ŻEE li tkun fih.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Lulju 1997.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

E. BULL

<sup>(1)</sup> ĠU L 102, tal-25.4.1996, p. 45.

<sup>(2)</sup> ĠU L 14, tad-19.1.1996, p. 13.